

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10638/26

ENT 154
MI 650
COMPET 782
TRANS 426
ENV 749
IND 421
DELECT 101

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3144 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.6.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3144 final.

Mehmuż: C(2026) 3144 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2026
C(2026) 3144 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.6.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet ta'
partikoli tal-brejkijiet**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament jemenda l-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1257¹ sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell tan-NU/KEE u b'mod aktar partikolari l-iżvilupp ta' Regolament tan-NU ġdid li jkun fih dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi ħfief fir-rigward tal-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet. Dan ir-Regolament tan-NU Nru 179 il-ġdid jirrappreżenta evoluzzjoni tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 24 preeżistenti li jirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'dan il-qasam u huwa appoġġat mill-aktar riżultati reċenti prodotti mill-Programm għall-Kejl tal-Partikuli (PMP) taħt l-awspiċji tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (WP.29).

F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li tiġi emendata t-Tabella 4 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1257 li bħalissa tirreferi għar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 24 dwar l-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ u minflok tirreferi għar-Regolament il-ġdid tan-NU dwar il-Kejl fil-Laboratorju tal-Emissjonijiet tal-Brejkijiet għall-Vetturi Ħfief b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-NU msemmi hawn fuq.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-tnejn ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Grupp ta' Hídma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saru fit-3 ta' Diċembru 2025 u fil-25 ta' Marzu 2026, fejn l-abbozz kien appoġġat b'mod ġenerali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri - Vetturi bil-Mutur (MSEG-MV) li saret fis-28 ta' April 2026.

F'konformità mar-regoli għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' leħnek" għal perjodu ta' feedback ta' erba' ġimgħat bejn l-20 ta' Marzu 2026 u s-17 ta' April 2026. B'kollox, 16-il parti kkonċernata taw il-feedback tagħhom. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan l-att delegat huwa l-Artikolu 15(1)(e) tar-Regolament (UE) 2024/1257.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 *ĠU L*, 2024/1257, 8.5.2024, *ELI*: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.6.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362², u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), il-punt (e), tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1257 fih tabella għall-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet (Tabella 4). F'dik it-tabella, il-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-vetturi ħfief bħalissa jeħtieġu ttestjar f'konformità mar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 24 dwar il-Kejl fil-Laboratorju tal-Emissjonijiet tal-Brejkijiet għall-Vetturi Ħfief³.
- (2) Il-progress u l-iżviluppi teknoloġiċi l-aktar reċenti huma riflessi fir-Regolament il-ġdid tan-NU Nru 179 dwar il-Kejl fil-Laboratorju tal-Emissjonijiet tal-Brejkijiet għall-Vetturi Ħfief⁴. Dawn huma bbażati fuq id-data miġbura meta ġew ittestjati l-brejkijiet "Euro 7", u jinkludu b'mod partikolari aktar armonizzazzjoni u titjib tal-ambjent tal-ittestjar; kejl bi preċiżjoni għolja ta' PM10, PM2.5, u numri tal-partikoli; ittestjar ta' teknoloġiji ġodda bħal brejkijiet mgħammra b'filtri passivi jew attivi li jnaqqsu l-emissjonijiet u kalkolu tal-emissjonijiet mill-brejkijiet għall-vettura kollha. Għalhekk huwa xieraq li jiġi emendat ir-rekwiżit fit-Tabella 4 fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1257 biex ir-referenza għar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 24 tiġi sostitwita b'referenza għar-Regolament tan-NU Nru 179 dwar il-Kejl fil-Laboratorju tal-Emissjonijiet tal-Brejkijiet għall-Vetturi Ħfief.

² ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>

³ ECE/TRANS/WP.29/2025/84, <https://unece.org/sites/default/files/2025-06/ECE-TRANS-WP.29-2025-84e.pdf>

⁴ Ir-Regolament tan-NU Nru 179 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi ħfief fir-rigward tal-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejk [2026/1044] (ĠU L, 2026/1044, 18.5.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1044/oj>)

- (3) Meta jitqies li r-Regolament tan-NU Nru 179 dwar il-Kejl fil-Laboratorju tal-Emissjonijiet tal-Brejkijiet ikopri b'mod komprensiv il-kategoriji ta' vetturi ħfief, jenħtieġ li dan ir-Regolament jallinja miegħu biex jarmonizza b'mod effettiv l-istandards u japplika għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁, kif ukoll għall-vetturi Euro 7ext, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1257 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1257 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN